MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 123/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Stephen Micallef]**

**vs**

**Renato Tanti**

Illum 23 ta’ Mejju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Renato Tanti ta’ tnejn u erbghin sena (42) iben Anthony u Antida nee` Muscat imwieled fl-erbgha (4) ta’ April, 1966 u residenti ‘Rita Tanti Catania Limited’, Triq ic-Cinju Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 163766M.

Akkuzat talli fil-15 t’ Ottubru, 2007 ghal-habta ta’ l-10.15 ta’ filghodu, fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra Furjanizi, Floriana,

saq vettura numru KTY-169 u b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Spiteri skond kif iccertifika Dr. Manuel Fenech M.D. ta’ l-isptar Mater Dei.

Il-Prosekuzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-incident de quo sehh minhabba nuqqas ta’ hsieb u traskuragni da parte ta’l-imputat meta kien qed jimmanuvra biex jipparkja l-vettura tieghu ezattament ma’ genb is-sur u ma’ *bend*. Huwa kien qed jipparkja b’mod li ma halliex lilu niffsu vizwali tat-triq u tat-traffiku li seta’ kien gej b’mod legittimu fid-direzzjoni tal-Belt.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundanah ghal ammenda ta’ hamsin Euro (Euro 50).

Il-Qorti, minhabba l-perikolu li jista jezisti jekk huwa verament permess *parking* fil-post indikat f’l-iskizz, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur ta’l-Awtorita Dwar it-Trasport ghal kull azzjoni li jidhrilhom opportuna.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------